MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2013

Rikors Numru. 67/2012

**Nadine Bonnici**

**Vs**

**Avukat Generali u b'digriet moghti fit-12 ta' Ottubru 2012 gew imsejhin fil-kawza G.D.L. Trading Services Limited u Joseph Bonnici**

Permezz ta' rikors prezentat fis-7 ta' Settembru 2012 ir-rikorrenti qeghda tilmenta li d-drittijiet fundamentali taghha ghal smiegh xieraq (Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta) gew lezi fil-kaz **Nadine Bonnici vs G.D.L. Trading Services Limited et**

(961/2011AF)[1], meta b'digriet moghti fil-5 ta' Lulju 2012 il-qorti cahdet talba ghar-rikuza tal-imhallef li r-rikorrenti ghamlet ai termini tal-Artikolu 734(1)(d)(i) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili[2]. F'dik il-kawza r-rikorrenti qeghda titlob dikjarazzjoni li bejgh ta' immobbli proprjeta tal-kumpannija *"ser inaqqas drastikament il-valur ta' l-ishma taghha u l-konsistenza tal-patrimonju taghha."*.

F'dawn il-proceduri r-rikorrenti qeghda titlob:-

1. Dikjarazzjoni li r-rifjut tal-Imhallef li tirrikuza ruhha milli tisma' l-kawza numru 961/2011, jilledi d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghall-smiegh xieraq skond l-Aritkolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.
2. Rimedju fis-sens li l-kawza numru 961/2011 ma tinstemax mill-qorti kif attwalment komposta.

It-talba ghar-rikuza saret wara digriet moghti mill-istess qorti fit-2 ta' Mejju 2012 li bih gie mhassar il-mandat ta' inibizzjoni numru: 1296/2011 fl-ismijiet **Nadine Bonnici vs G.D.L. Trading and Services Limited**. Il-mandat ta' inibizzjoni kien inhareg fit-13 ta' Ottubru 2001 u bih G.D.L. Trading and Services Limited giet inibita milli tbiegh il-fond bla numru u mibni fuq art maghruf bhala tal-Bajjad, limiti Hal Qormi, b'kejl ta' 3,800 metri kwadri. Fid-digriet l-Qorti ghamlet riferenza ghall-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12[3] u kkonkludiet:-

*"Mill-iskrutinju prima facie kif imsemmi aktar 'il fuq, din il-Qorti ssib illi s-socjeta rikorrenti odjerna milquta bil-mandat ta' inibizzjoni de quo ghandha debiti komplessivi fl-ammont ta' madwar 1.3 miljun. L-unika mod kif jista' jigi kopert dan id-dejn huwa bil-bejgh tal-unika proprjeta li ghandha s-socjeta, u l-Bank kreditur tas-socjeta qed jaghmel pressjoni fuq is-socjeta biex dan isehh. Jirrizulta*

[1] Ir-rikorrenti tippremetti li fil-kaz 961/2011 qeghda tipprocedi ai termini tal-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386).
[2] *"jekk ikun ta l-parir tieghu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawza jew dwar kull haga ohra li ghandha x'taqsam mal-kawza jew tiddependi minnha"*.
[3] *"Jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu m'huwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."*.

*wkoll li, fil-fatt, is-socjeta hija vijabbli u attwalment topera bi qliegh. Madankollu, il-qliegh kollu qed imur biex jithallas l-imghax fuq id-dejn. Ta' min wiehed jenfasizza li d-dejn sar principalment sabiex tinbena l-istess proprjeta', mahzen ghall-uzu tal-istess socjeta u ta' socjeta ohra li l-ahwa ukoll ghandhom sehem fiha u li topera id f'id mas-socjeta rikorrenti odjerna. Jirrizulta ukoll li d-dejn sar fiz-zmien meta nkarigat mit-tmexxija kien zewg l-istess rikorrenti u cioe' Joseph Bonnici. Is-socjeta diga' pprovdiet ghall-alternattiva ghall-istess mahzen li trid tbiegh. Infatti sar ftehim ta' kera li wahdu jghabbi lis-socjeta b'ammont ferm anqas mill-imghax li qed jithallas.*

*Inoltre, jirrizulta ukoll illi l-azzjonisti ahwa kollha, inkluz ir-ragel ta' Nadine Bonnici qeghdin, flimkien mal-konjugi taghhom, jiggarantixxu d-djun personalment. Dan kollu jirrizulta mid-dokumenti esebiti in atti u mhux kontradett.*

*Omissis*

*Fl-ahharnett, il-Qorti qieset ukoll is-sitwazzjoni li tista' tirrizulta kemm-il darba ma jsehhx il-bejgh propost. Apparti l-konsegwenzi legali li jistghu jirrizultaw mill-konvenju innifsu mhux onorat, tezisti ukoll il-possibilita' konkretissima li l-Bank jisforza bejgh b'licitazzjoni li huwa ben risaput li mhux dejjem iwassal ghal rikavat li tista' ggib proprjeta' meta tinbiegh fis-suq miftuh bhal ma huwa propost mis-socjeta rikorrenti odjerna.".*

Skond l-Artikolu 402 tal-Kap. 386 **kull membru ta' kumpannija** jista' jaghmel rikors sabiex tinghata ordni taht dak il-provvediment fejn:-

*"jilmenta li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b'mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpannija kienu jew huma jew x'aktarx se jkunu, oppressivi b'mod mhux ġust diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux ġust ta' preġudizzju, għal membru jew membri jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in ġenerali."*.

Permezz ta’ risposta prezentata fit-12 ta’ Ottubru 2012, l-Avukat Generali wiegeb:-
*Illi permezz tar-Rikors odjern ir-rikorrenti qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li d-digriet moghti mill-Onorevoli Imhallef Dottoressa Anna Felice fil-5 ta’ Lulju 2012 fil-kawza wara l-Mandat kawtelatorju fl-ismijiet Nadine Bonnici v G.D.L. Trading and Services Limited et (Ref. 961/11 AF) huwa leziv tad-drittijiet fundamentali taghha stante li allegatamement bic-cahda ta’ dik it-talba ghar-rikuza ta’ l-imsemmija Imhallef sedenti ma giex rispettat il-kriterju tal-imparzjalita’ a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*(1) Illi in linea preliminari, sabiex il-process ikun integru ghandhom jigu kjamati fil-kawza l-intimati l-ohra fl-imsemmija kawza (Ref. Mandat 961/11 AF) u cioe l-kumpannija intimata GDL Trading and Services Limited C 7390 u Joseph Bonnici ID 884052 M.*

*(2) Illi fil-mertu l-esponent jirrespingi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kif dedotti fir-Rikors odjern bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijet segwenti:*

*(i)Illi l-esponent umilment jhoss li, kuntrarjament ghal dak li qed jigi ritenut mir-rikorrenti fir-rigward li l-Onorevoli Imhallef Anna Felice kellha tirrikuza ruha fit-termini ta’ l-Artikolu 734 (d)(i) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta’ Malta, l-esponent jirribatti li hija infondata fil-fatt u fid-dritt u assolutament insostenibbli tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz; fejn jirrizulta car li permezz tad-digriet taghha tat-2 ta’ Mejju 2012 fejn irrevokat il-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 1296/2011 moghti fit-13 ta’ Ottubru 2011, l-Imhallef Felice tat digriet ben raggjonat u dettaljat ta’ kif waslet ghall-konkluzzjoni taghha.*

*(ii) Illi del resto jirrizulta li l-Onorevoli Imhallef Felice iddecidiet it-talba tal-kumpannija intimata GDL Trading and Services Limited ghar-revoka ta’ l-imsemmi Mandat ta’ Inibizzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 836(1) tal-Kap 12.*

*(iii) Illi a kuntrarju ta’ dak li qed jigi allegat mir-rikorrenti, jidher bic-car li fir-rigward ta’ l-imsemmi digriet tat-2 ta’*

*Mejju 2012, l-Onorevoli Imhallef Felice ma espremiet l-ebda opinjoni fuq il-mertu tal-vertenza tal-kawza u rrevokat l-istess Mandat ta' Inibizzjoni wara li kkunsidrat li l-kawtela li kienet ottjeniet r-rikorrenti kienet se tohloq pregudizzju lill-kumpannija intimata fil-kawza.*

*(iv) Illi a kuntrarju ta' dak li qed jigi allegat, jirrizulta li l-Onorevoli Imhallef Felice kienet kawta fid-decizjoni taghha u addirittura specifikat li waslet ghall-konkluzzjoni taghha wara ezami prima facie tac-cirkostanzi kollha tal-kaz in ezami.*

*(v) Illi fid-dawl tas-suespost ghalhekk ir-rwol prezenti tal-Onorevoli Imhallef Anna Felice fl-imsemmija kawza b'ebda mod m'ghandu jixhet xi dubju dwar l-imparzjalita' oggettiva jew soggettiva taghha.*
*(vi) Illi l-esponent jirribatti li l-kuncett ta' imparzjalita' oggettiva u/jew soggettiva ta' gudikant ma' tistax tigi allacjata mal-gudizzju fuq talba maghmula minn wahda mill-partijiet fil-kawza ghax altrimenti tinholoq krizi fis-sistema gudizzjarja kemm f'Malta u anke fil-Qrati Ewropej inkluz dik ghad-Drittijiet dwar il-Bniedem. Illi bir-rispett kollu, il-pretensjoni tar-rikorrenti li f'kaz ta' talba maghmula pendenti is-smigh ta' kawza, il-gudikant in kwistjoni jkollu jastjeni minn jeddu jew jigi rikuzat hija insostenibbli stante li kieku l-ebda pajjiz ma jkun jista' jlahhaq man-numru ta' Mhallfin li jkollu jispicca jahtar biex jissostitwixxu l-gudikanti li jkollhom jastjenu jew jigu rikuzati.*

*(vii) Inoltre l-Artikolu 734(d)(i) tal-Kap 12 japplika principalment ghal cirkostanzi fejn l-Imhallef koncernat ikun ta opinjoni professjonali qabel ma gie elevat ghall-Gudikatura.*

*(3) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz anke in vista tal-fatt li d-dokumentazzjoni in kwistjoni da parte tar-rikorrenti ma gietx ipprezentata mar-Rikors Promotur.*

*Ghaldaqstant u fid-dawl tas-suespost m'ghandu jirrizulta li hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti ghandha konsegwentement joghgobha tichad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha kif*

*dedotti fir-Rikors Promotur stante li ma hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea; bl-ispejjez kontra taghha.*

B'digriet li nghatat fit-12 ta' Ottubru 2012 issejhu fil-kawza G.D.L. Trading Services Limited u Joseph Bonnici, ir-ragel tar-rikorrenti. F'dik is-seduta deher ukoll id-difensur ta' Joseph Bonnici li filwaqt li ta ruhu b'notifikat bl-atti, iddikjara li jaqbel mat-talbiet. Min-naha l-ohra G.D.L. ipprezentat twegiba fid-9 ta' Novembru 2012[4], fejn fil-qasir iddikjarat:-

1. M'huwiex car a bazi ta' liema provvediment tal-ligi hu bbazat ir-rikors guramentat numru 961/2011AF.
2. It-talba ghar-rikuza tal-imhallef li qeghda tisma' l-kaz numru 961/2011 ma setghet qatt tintlaqa' ghaliex l-Artikolu 734(d)(i) li fuqu giet ibbazata t-talba tar-rikorrent f'dawn il-proceduri, ma jikkontemplax ic-cirkostanzi li kienet qeghda tilmenta dwarhom ir-rikorrenti.
3. Id-digriet tal-5 ta' Lulju 2012 inghata b'konformita assoluta mad-disposizzjonijiet tal-Kap. 12. Ghalhekk l-ilment tar-rikorrenti hu bla bazi.
4. M'huwiex minnu li l-imhallef ippronunzjat ruhha li ma kienx jidhrilha li hemm bzonn li ssir xi kawtela biex il-kumpannija ma tiddisponix mill-assi taghha.

L-imparzjalita' ta' qorti skond l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, normalment tfisser nuqqas ta' pregudizzju jew bias; *"There are two tests for assessing whether a tribunal is impartial: the first consists in seeking to determine a particular judge's personal conviction or interest in a given case and the second is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect...... As to the second test, when applied to a body sitting as a bench, it means determining whether, quite apart from the personal conduct of any of the members of that body, there are ascertainable facts which may raise doubts as to its impartiality. In this respect even appearances may be of*

---

[4] Fol. 115.

*some importance. It follows that when it is being decided whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular body lacks impartiality, the standpoint of those claiming that it is not impartial is important but not decisive. What is decisive is whether the fear can be held to be objectively justified.”* (***Lindon Otchakovskylaurens and July v France*** deciza fit-22 ta’ Ottubru 2007 mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet Umani).

Ghal dak li jikkoncerna t-test soggettiv, f’dan il-kaz ma saret l-ebda allegazzjoni li fil-kawza 961/2011 *“...... the personal conviction of a judge ..... raises doubts about his or her independence or impartiality. The judge’s lack of bias is presumed unless there is evidence to the contrary.........”*[5].

Fir-rigward tat-test oggettiv, minn ezami tal-atti jirrizulta li:-

i. Bid-digriet tat-2 ta’ Mejju 2012 thassar il-mandat ta’ inibizzjoni 1296/2011. Dan ifisser li bhalissa m’hemm l-ebda ordni ta’ qorti li qeghda zzomm lil G.D.L. Trading Services Limited milli tbiegh il-fond oggett tal-proceduri. Mill-atti ma jirrizultax jekk effettivament sarx il-bejgh.

ii. Irrispettivament a bazi ta’ liema paragrafu tal-Artikolu 734 tal-Kap. 12 ir-rikorrenti bbazat it-talba ghar-rikuza tal-imhallef u jekk kienx japplika ghall-kaz odjern, jibqa’ l-fatt li b’digriet tal-5 ta’ Lulju 2012 dik il-qorti kif komposta cahdet it-talba tar-rikuza gialadarba *“.....**il-Qorti ma ppronunzjatx ruhha fuq il-mertu**, izda esegwiet ezercizzju fuq bazi ta’ prima facie, dan a tenur ta’ l-Art. 836 tal-Kap. 12 li in fatti jesigi illi r-rikors ghal revoka ta’ mandat kawtelatorju ghandu jsir lill-Qorti li tkun harget l-istess att jew, jekk tkun saret il-kawza, lill-Qorti li tkun qeghda titratta l-kawza.”*. B’danakollu r-rikorrenti xorta kellha l-jedd li tressaq l-ilment taghha ghall-konsiderazzjoni ta’ din il-qorti.

---

[5] *The European Convention on Human Rights*, Jacobs, White & Ovey, 5 Edizzjoni (2010) pagna 266.

iii. Fil-provvediment tat-2 ta' Mejju 2012 il-qorti osservat li *"....l-iskrutinju li jehtigilha taghmel f'dan l-istadju huwa essenzjalment dak li jirrizulta minn **ezami prima facie** tac-cirkostanzi kollha."*. Il-qorti waslet ghall-konkluzjoni li hemm **bzonn** li l-fond jinbiegh sabiex il-kumpannija thallas id-dejn li ghandha. Madankollu l-gudizzju li ghamlet il-qorti jibqa' *prima facie*, minghajr ma dahlet fid-dettalji tan-negozju partikolari cjoe' dak tal-konvenju pprezentat mar-rikors ghar-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni.

iv. Sal-lum m'hemm l-ebda dikjarazzjoni tal-qorti li fiha decizjoni dwar jekk, "....*fic-cirkostanzi suesposti, it-trasferiment tal-proprjeta suindikata ossia il-bini bla numru ufficjali f'tal Bajjad, fil-kontrada tar-Rabbat limiti ta' Hal-Qormi ser inaqqas drastikament il-valur ta' l-ishma taghha u l-konsistenza tal-patrimonju taghha."*[6]. Dan hu l-ilment tar-rikorrenti. Fir-rikors promotur (numru 961/2011) ghamlitha cara li qeghda tibbaza t-talba fuq l-Artikolu 402 tal-Kap. 386, tant li ppremettiet li *"...l-azjenda konvenuta qed tmexxi l-affarijiet taghha b'mod oppressiv, mhux gust u ta' pregudizzju fil-konfront tar-rikorrenti u dana kontra l-provvediment ta' l-artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta."*[7]. Fir-rikors kostituzzjonali regghet ikkonfermat li r-rikors prezentat fl-4 ta' Ottubru 2011 sar *ai termini* tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386. Jidher li f'dak il-process G.D.L. accettat li l-ilment hu bazat fuq l-Artikolu 402, tant li fit-twegiba guramentata qalet li r-rikors hu null ghaliex sar b'rikors guramentat[8]. Il-qorti ma tifhimx ghalhekk kif illum G.D.L. qeghda ssostni li *"m'huwiex car jekk din l-istess kawza giet effettivament ipprezentata mir-rikorrenti skond l-Artikolu hawn fuq imsemmi (Art. 402), jew jekk gietx ipprezentata bhala kawza dikjaratorja ad hoc sabiex izzomm fis-sehh l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni...."*[9]. Fil-

---

[6] Din hi l-unika talba li ghamlet ir-rikorrenti permezz tar-rikors numru:-961/2011AF.

[7] Ara wkoll rikors prezentat fis-6 ta' Awissu 2012 (fol. 344) fejn regghet ghamlet riferenza ghall-istess provvediment.

Pero' ghad irid jigi deciz jekk ir-rikorrenti ghandix *locus standi* meta wiehed iqies li r-rimedju kontemplat fl-Artikolu 402 hu moghti biss lill-membru ta' kumpannija, u l-istess ligi taghti definizzjoni ta' *"membru"*.

[8] Ara fol. 14 tar-rikors 961/2011.

[9] Fol. 116.

kaz 961/11 il-qorti tista' taghti ordnijiet varji li jissemmew fl-Artikolu 402(3) tal-Att dwar il-Kumpanniji. Certament li l-ghan wara proceduri bhal dawn mhux sempliciment biex il-qorti taghmel dikjarazzjoni, izda sabiex taghti rimedju skond il-ligi. F'dan il-kaz hu evidenti li l-qorti kienet sodisfatta li a bazi tal-fatti li tressqu ghal konsiderazzjoni taghha, ma kienx ragonevoli li l-mandat ta' inibizzjoni jinzamm fis-sehh. Certament li fl-ghoti ta' kull decizjoni qorti tkun qeghda tesprimi fehma. B'daqshekk ma jfissirx li l-qorti tkun qeghda tesprimi xi gudizzju fil-meritu, li kif rajna fil-kaz 961/2011 hu li l-bejgh tal-immobbli ser iwassal ghat-tnaqqis fil-valur tal-ishma li r-rikorrenti qeghda ssostni li hu oppressiv, u mhux gust ta' pregudizzju (*unfairly prejudicial*). Fil-kaz ta' att mhux gust ta' pregudizzju, *"....the test is of unfair prejudice, not of unlawfulness. Conduct may be lawful, but still unfairly prejudicial and therefore actionable."*[10]. Hekk ukoll agir jista' jkun illegali imma ma jkunx mhux gust ta' pregudizzju. Inoltre, anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss, bhala stat ta' fatt ir-rikorrenti ghandha ragun li l-bejgh iwassal ghal tnaqqis fil-valur tal-ishma u jaf ghalhekk ikun ta' pregudizzju, b'daqshekk ma jfissirx li l-bejgh ma ghandux isir. L-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji hu ghodda li bih jigi kkontrollat il-poter ta' azzjonisti maggoritarji u *management* tal-kumpannija. Certament li f'dan ir-rigward il-qorti ghadha ma esprimitx il-gudizzju taghha. Bid-digriet li nghata fit-2 ta' Mejju 2012 il-qorti sempliciment qalet li fic-cirkostanzi attwali ma kienx ragonevoli li jibqa' fis-sehh il-mandat ta' inibizzjoni, minghajr ma qieset jekk il-bejgh huwiex *unfairly prejudicial* ghar-rikorrenti; *"And in Thomas v H.W. Thomas Limited, the New Zealand Court of Appeal remarked: "fairness cannot be assessed in a vacuum or simply from one member's point of view.* ***It will often depend on wieghing conflicting interests of different groups within the company****. It is a matter of balancing all interests involved in terms of the policies underlying the companies legislation in general and [the unfair prejduice*

[10] Prof. Andrew Muscat, *Principles of Maltese Company Law*, Malta University Press (2007) pagna 973.

*provision] in particular."* (enfazi tal-qorti)[11]. Ezercizzju li fil-kaz in kwistjoni ghadu ma sarx.

v. Permezz ta' nota prezentata fit-30 ta' Novembru 2012 ir-rikorrenti qalet[12] liema huma dawk il-partijiet tal-provvediment tat-12 ta' Mejju 2012 li fil-fehma taghha kellhom iwasslu biex l-imhallef ma tkomplix tisma' l-kaz:-

(a) Dik il-parti fejn il-qorti esprimiet il-fehma li ma kienx gustifikata t-talba tar-rikorrenti li wara li l-kumpannija thallas id-dejn, il-bilanc ma jintuzax sakemm jinqatghu dawn il-proceduri. Ir-rikorrenti ssostni li *"Dan ifisser li hija diga' hadet decizjoni li dak li qed jintalab mir-rikorrenti m'ghandux jintlaqa' ghaliex hemm rimedju iehor u l-agir taghha qieghed jistultifika l-operat tas-socjeta b'detriment ghall-azzjonisti inkluz zewgha li huwa intimat u azzjonist."*[13]. Il-qorti tosserva li:-

- M'huwiex veru li l-qorti qalet li l-agir tar-rikorrenti qieghed jistultifika l-operat tal-kumpannija;
- Il-fatt li l-qorti ddikjarat li l-bilanc tal-prezz kellu jibqa' ghad-disposizzjoni tal-kumpannija biex tkompli topera n-negozju, ma jfissirx li l-qorti kienet qeghda tesprimi xi fehma dwar il-meritu tal-kaz numru 961/2011, cjoe' li l-affarijiet tal-kumpannija qeghdin jitmexxew b'mod oppressiv, mhux gust u ta' pregudizzju fil-konfront tar-rikorrenti. Li l-bilanc tal-prezz jigi depozitat sakemm tinqata' l-vertenza kien biss rimedju li r-rikorrenti pproponiet waqt is-smiegh tar-rikors ghar-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni. Ghalkemm il-qorti ma qablitx mal-proposta, b'daqshekk ma jfissirx li kienet qeghda tesprimi ruhha dwar il-kontestazzjoni meritu tar-rikors 961/2011.

---

[11] Ara *Principles of Maltese Company Law*, pagna 973. Fis-sentenza *Re Bovey Hotel Ventures Ltd* inghad*: "The test of unfairness must, I think, be an objective, not a subjective, one. In other words it is not necessary for the petitioner to show that the persons who have had de facto control of the company have acted as they did in the conscious knowledge that this was unfair to the petitioner or that they were acting in bad faith; the test, I this, is whether a reasonable bystander observing the consequences of their conduct, would regard it as having unfairly prejudiced the petitioner's interests."* (*Minority Shareholders' Rights*, R. Hollington (Tieni Edizzjoni, 1994) pagna 69.

[12] Wara ordni li nghatat mill-qorti fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2012.

[13] Fol. 122.

(b) Ir-rikorrenti ssostni li l-fatt li l-qorti osservat ukoll li min ghandu nteress dejjem ghandu r-rimedji li toffri l-ligi f'kaz ta' *wrongful* jew *fraudulent trading*, *"....qed tesprimi ruhha li hemm alternattiva jew ahjar konfort fil-ligi dwar il-protezzjoni li l-ligi stess taghti f'sitwazzjoni bhal dan."*[14]. B'daqshekk il-qorti ma kenitx qeghda tesprimi l-fehma taghha dwar il-meritu. Il-qorti sempliciment ghamlet osservazzjoni ta' fatt maghruf, u b'riferenza ghal kwistjoni dwar jekk il-bilanc tal-prezz wara li jithallas id-dejn ghandux jintuza mill-kumpannija. Fil-fehma tal-qorti dan m'ghandu x'jaqsam xejn mal-ilment tar-rikorrenti fil-kaz 961/2011.

(c) Dik il-parti tad-digriet fejn il-qorti osservat li jekk ma jsirx il-bejgh, hemm il-possibilta' li l-bank jibda proceduri biex ibiegh l-immobbli b'irkant u li jista' jwassal ghall-prezz inqas. Fil-fehma tar-rikorrenti, *"hawnhekk ukoll l-Qorti marret pass oltre u dan ghaliex ir-rikorrenti ma talbitx x'jigri f'kaz li r-rikors taghha ma jigix milqugh u cioe li jkun hemm il-licitazzjoni. L-esponenti kienet taf li tista' tirrizulta l-bejgh in subbasta jekk ma jkunx hemm qbil."*[15]. Din l-osservazzjoni tal-qorti kienet wahda mir-ragunijiet li wassalha biex tiddeciedi li l-mandat ta' inibizzjoni ghandu jithassar. B'daqshekk ma jfissirx li l-qorti esprimiet xi fehma dwar jekk l-affarijiet tal-kumpannija G.D.L. humiex jitmexxew b'mod oppressiv jew mhux gust ta' pregudizzju ghall-azzjonisti.

Dak li nghad hawn fuq japplika wkoll ghal finijiet tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-qorti m'hijiex tal-fehma li meqjusa c-cirkostanzi tal-kaz il-biza' li r-rikorrenti tghid li ghandha dwar l-imparzjalita' tal-gudikat, hi oggettivament gustifikata.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti hi tal-fehma li l-ilment tar-rikorrenti hu nfondat u ghalhekk tichad it-talba bl-ispejjez kontra taghha**.

[14] Fol. 122.
[15] Fol. 123.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------